MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2493/2003

**Patrick Spiteri ezercenti l-kummerc
taht l-isem "Caffe' 5ONE6"**

**Vs**

**Technosoft Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz fejn l-attur talab li s-socjeta' konvenuta thallas Lm380 (tlett mija u tmenin lira Maltin) dovuti bhala *deposit* ghal *equipment* li ma nbieghx u dan peress li ma qabilx mas-sistema ta' *bar codes* fil-hanut.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn it-talba giet ikkontestata stante li l-apparat *de quo* kien gie mixtri mill-attur kif ukoll qabel mas-sistema ta' *bar codes* tal-hanut ta' l-attur li gew debitament installati fil-hanut u kienu jahdmu kif imsemmi f'din il-kawza; kif ukoll li kwalunkwe diffikulta' li setgha affaccja l-attur kienet nuqqasijiet tieghu. Is-

socjeta' konvenuta qalet ukoll li l-attur kien accetta li s-socjeta' konvenuta zzomm id-depozitu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Patrick Spiteri li jiggestixxi l-kafé fejn jikkonferma li kien accetta li jiehu s-sistema li s-socjeta' konvenuta kienet ipproponiet. Jghid li hu kien hallas lil Daniel Buttigieg, li huwa rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, Lm380 (tlett mija u tmenin lira Maltin) bhala depozitu. Jghid illi fil-kuntratt Buttigieg kien kiteb bil-*biro* li jekk is-sistema ma tahdimx l-attur jerga' jiehu d-depozitu lura.

Jghid illi kemm min-naha tieghu u kemm min-naha tas-socjeta' konvenuta ppruvaw ihaddmu din is-sistema pero' kien hemm *chaos* kbir u ghalhekk jghid illi din is-sistema ma kellha ebda utilita ghalih.

Jikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet hadet il-*laptop* tieghu sabiex taghmel ix-xoghol necessarju. Ma jiftakarx ezatt kemm-il darba gara dan il-fatt izda s-sistema qatt ma kienet hadmet kif suppost.

Jghid illi kellu jerga' jaghmel il-*bar codes* u hallashom izda xorta ma hadmitx is-sistema.

Spiteri jghid illi s-socjeta' konvenuta kienet qalet li mhux ser ittih id-depozitu lura ghaliex kienu hlew hafna hin fuq il-progett. Jghid li minn meta l-ewwel darba li nstallaw l-apparat sakemm haduh kien ghadda xahar.

Fil-kontro-ezami jikkonferma illi kienu gew zewg *technicians* li huma Daniel Buttigieg u Matthew Scicluna u jghid illi dawn kienu jispjegaw kemm lilu, kif ukoll lill-mara tieghu u zewg waiters kif juzaw dan l-apparat. Jghid illi f'dak il-perjodu ta' xahar kienu anki bidlu *pen* li kienu pprovdew bhala parti mill-apparat. Jichad li kultant zmien kien ibiddel l-i*specifications* li jkun irid. Izda jikkonferma li kien qallhom biex ikollu zewg *pens* biex jara jekk is-sistema kienetx tahdem sew. Jikkonferma wkoll li rcieva kemm is-*software* u kemm il-*hardware*.

Spiteri jichad li fl-ahhar qallhom biex jiehdu kollox u jzommu d-depozitu.

Ra x-xhieda ta' Helen Spiteri li tigi l-mara ta' l-attur fejn tikkonferma li qal ir-ragel u zzid li kienu anki telqu n-nies mill-istess *cafeteria* minhabba li s-sistema kienet *slow* ghal dak it-tip ta' xoghol. Tghid li kienet hi stess li qalet lis-socjeta' konvenuta biex jiehdu l-apparat lura. Tghid li huma kienu rnexxielhom johorgu l-kontijiet bl-*orders* normali minghajr ma wzaw l-apparat.

Ra x-xhieda ta' Michelle Desira li f'dak iz-zmien kienet tahdem ma' l-attur fejn tikkonferma li l-apparat ma kienx jahdem.

Ra x-xhieda ta' Victor Briffa li huwa l-Managing Director tas-socjeta' konvenuta, fejn jiftakar li kienu saru l-*menus* izda Patrick Spiteri ma kienx kuntent bihom u kellhom jergghu jbiddlu kollox. Jghid li din grat xi tlett darbiet.

Jghid ukoll li darba minnhom Daniel Buttigieg qallu li l-attur tahom kollox lura u ghalhekk kulhadd baqa' b'li ha. Jikkonferma li Buttigieg kien halla ghand l-attur is-*software* li jiswa Lm560 (hames mija u sittin lira Maltin). Briffa jghid illi l-attur kien cempillu sabiex jiehu lura d-depozitu.

Fil-kontro-ezami jghid li l-flus li zammet is-socjeta' konvenuta kien tax-xoghol li ghamlu u mhux tas-*software*. Jghid li ma qabilx mal-kitba fuq il-kuntratt dwar ir-rifuzjoni tad-depozitu pero' accettaha ghaliex kien ghamilha Daniel Buttigieg.

Ra x-xhieda ta' Daniel Buttigieg li jghid il-ftehim kien li s-socjeta' konvenuta tinstalla s-*software* fuq il-*laptop* tieghu. Kien hemm ftehim ukoll illi l-*laptop* ta' l-attur ma kienx ser jintuza filwaqt li l-ordnijiet kienu suppost jittiehdu bil-*pens*.

Jghid li meta taw lill-attur l-istruttura tal-*bar codes*, kien qallhom li ma kienetx fl-ordni li riedha hu u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kellha terga' taghmilhom. Jghid li s-sistema kienet tahdem ghal gimgha izda Patrick Spiteri

xorta ma kienx kuntent. Jikkonferma li marru kemm-il darba sabiex jippruvaw jikkuntentaw lil Spiteri. Jghid li darba minnhom meta hadlu l-*laptop* lura Spiteri kien qallu li s-*software* ma jghoddx ghalih u qal ukoll biex is-socjeta' konvenuta zzomm id-depozitu minhabba x-xoghol li ghamlu. Buttigieg jghid illi l-*pens* kienu jahdmu sew. Jikkonferma l-firma tieghu fuq il-kuntratt.

Ra x-xhieda ta' Matthew Scicluna li kien l-assistent ta' Buttigieg f'dan ix-xoghol fejn jikkonferma li qal Daniel Buttigieg.

**Ikkunsidra**

Li skond il-kuntratt kien hemm ftehim li jekk l-apparat mhux addattat, l-attur jerga' jiehu d-depozitu lura ta' Lm380 (tlett mija u tmenin lira Maltin). Fil-kuntratt a fol 3 hemm is-segwenti paragrafu **"should the barcode reading pens prove unsuitable, Technosoft will refund Lm380 deposit in full"**. Victor Briffa jghid li s-socjeta' konvenuta kienet accettat li dak li kiteb Daniel Buttigieg bil-*biro* kien jorbot il-kumpanija.

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-attur ma kienx sodisfatt bis-sistema ipprovduta u s-socjeta' konvenuta accettat li tiehu s-sistema lura. Illi jekk is-socjeta' konvenuta hasbet li l-*pens* kienu *suitable* ma kienetx taccetta biex tiehu l-*pens* lura. Il-ftehim kien li jekk il-*pens* ma kienux *suitable* jigi ritornat id-depozitu. Illi jidher li s-socjeta' konvenuta ghandha dritt tinsisti li l-attur jirritorna s-*software* izda m'hemmx Kontro-Talba f'din il-kawza.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tirrifondi l-ammont ta' Lm380 (tlett mija u tmenin lira Maltin) lill- attur. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax mit-8 ta' Jannar, 2004.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------